MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 2258/1997/1

**Christopher Bezzina**

**v.**

**Mario Colerio u b’digriet tat-22 ta’ Gunju 2000 is-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Avon Insurance plc interveniet fil-kawza in statu et terminis u b’digriet tal-20 ta’ Marzu 2008 stante l-mewt ta’ Mario Coleiro fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f’isem Susan Gatt Coleiro u Melissa Coleiro, ahwa Coleiro**

**Il-Qorti:**
**PRELIMINARI:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru, 1997 l-attur ippremetta li minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u tar-regoli ta' komportament mistenni da parti tal-konvenut u dan b'dannu ta' l-attur, gew kagunati danni fil-vettura ta' l-attur meta sehh incident awtomobilistiku fil-5 ta' Lulju 1996 ghal habta tal-11:45 f'Bahar ic-Caghaq ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli; illi dawn id-danni jikkonistu fil-hsara li garrbet il-vettura tal-attur Renault Clio li ghandha in-numru ta' registrazzjoni DAE 112, liema danni jeccedu l-ammont ta' LM4,000; illi minkejja kull interpellazzjjoni, ma kienx hemm rizarciment mill-konvenut;

Dan premess l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu Renult Clio li ghandha numru ta' registrazzjoni DAE 112 meta sehh incident awtomobilistiku fil-5 ta' Lulju 1996 ghal-habta tal-11:45 f'Bahar ic-Caghaq ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli;

"2. Tillikwida d-danni kagjonati jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

"3. Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tad-danni hekk likwidati.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficcjali tal-21 ta' Novembru 1996 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;"

Rat in-nota ta' l-ecezzjonijiet tal-konvenut tal-25 ta' Marzu, 1999 fejn giet eccepita preliminarjament il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16) u bla pregudizzju ghall-permess u fil-meritu gie eccepit li l-incident in kwistjoni ma garax tort ta' Mario Coleiro;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Frar 2000 minn fejn jirrizulta li l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu dwar il-preskrizzjoni;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Gunju 2000 li bih gie awtorizzat l-intervent fil-kawza in *statu et terminis* tas-socjeta` *Fogg Insurance Agencies Limited;*

**IS-SENTENZA APPELLATA.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fis-7 ta’ Ottubru, 2005 fejn jinghad hekk:
“Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa’ t-talbiet tal-attur u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu bhala konsekwenza tal-habta in kwestjoni; tillikwida d-danni kagjonati fis-somma ta’ tlett elef u sitt mitt liri maltin (Lm3600) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ Lm3600 in linea ta’ danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

“Spejjez kollha kontra l-konvenut.”

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Mill-provi jirrizulta li fil-5 ta’ Lulju 1996 ghal habta tal-11.45 ta’ bil-lejl sehh incident awtomobilistiku fil-*Coast Road* f’Bahar ic-Caghaq. Involuti f’dan l-incident kien hemm il-konvenut li kien qed isuq il-vettura tal-marka Skoda numru ta’ registrazzjoni L-0911 u l-vettura tal-attur numru ta’ registrazzjoni DAE 112 tal-marka Renault Clio, liema vettura fil-hin tal-incident kienet qed tigi misjuqa minn Sandra Bezzina, oht l-attur;

“L-attur isostni li dan l-incident sehh unikament b’tort tal-konvenut u b’hekk l-attur jippretendi li l-konvenut ghandu jitqies responsabbli ghall-istess incident u ghal-hlas tad-

danni kollha konsegwenzjali, b'mod partikolari dawk sofferti fl-imsemmija vettura tal-attur;

"Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li huwa mhux responsabbli ghal-incident in kwestjoni;

"Is-sewwieqa tal-karozza tal-attur, cioe` Sandra Bezzina, tghid li kienet qed issuq fil-*Coast Road*, fin-naha taghha tat-triq u b'velocita` ta' circa 40 kilometru fis-siegha, gejja minn Paceville u sejra fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar. F'daqqa wahda rat lill-konvenut gej mid-direzzjoni opposta u dan tal-ahhar dahal, hareg u rega` dahal fil-karreggata taghha. Ippruvat tghafas il-*brakes* pero` xorta wahda l-konvenut laqat il-karozza misjuqsa minn Bezzina u bid-daqqa dawwarha. Fejn grat il-kollizzjoni hemm f'nofs it-triq "*a continous double white line*." Skond Bezzina l-konvenut kien gej b'velocita` eccessiva. F'Paceville Bezzina kienet ma' ohtha u xi hbieb ohra go discoteka u Bezzina kkonfermat li ma haditx xorb alkoholiku. Fil-karozza riekba ma' Sandra Bezzina kien hemm ohtha Sylvana Bezzina, li sostanzjalment kkonfermat dak li qalet ohtha s-sewwieqa;

"Il-konvenut fl-affidavit tieghu kkonferma li kien gej minn riceviment, li nzamm go lukanda l-Qawra. Huwa jghid li f'dan ir-riceviment ha biss grokk wiehed port. Huwa jghid li kien qed isuq fil-*Coast Road* sejjer fid-direzzjoni ta' *St. Andrews*. Kien qed isuq bi speed regolamentari, certament li ma jeccedix l-40 mili fis-siegha. Huwa jghid li f'hin minnhom tah hass hazin, intilef minn sennsih u sab lilu nnifsu rikoverat l-Isptar. Huwa jghid li ma jiftakar xejn kif gara l-incident;

"Is-surgent tal-pulizija li nvestiga l-kollizzjoni kellem lill-imsemmija sewwieqa waqt li dawn kienu qeghdin rikoverati l-Isptar. Dan l-ufficjal tal-Pulizija qal li l-konvenut qallu li ma jiftakar xejn kif grat il-kollizjoni, pero` ma qallux x'kienet ir-raguni ghala ma kienx qed jiftakar;

"Mill-kumpless tal-provi prodotti jidher li l-konvenut kien ghaddej b'velocita` eccessiva *dato* c-cirkostanzi li kien jinsab fihom. Il-konvenut kien hiereg minn liwja u ghalhekk ma jistax jigi eskluz li, minhabba l-velocita` li biha huwa

kien ghaddej, huwa tilef il-kontroll tal-vettura li kien qed isuq u b'hekk grat il-kollizzjoni. Il-konvenut ghalhekk qasam il-linja tan-nofs u mar fuq in-naha l-hazina tat-triq minn fejn kienet gejja Bezzina bil-vettura ta' huwa l-attur. Barra minn hekk l-Ufficjal tal-Pulizija li investiga l-kollizzjoni xehed li xi nies li kienu fuq il-post tal-habta qalulu illi l-konvenut kellu riha ta' xorb u kien xurban. L-istess Surgent ikkonferma, dak li hemm fl-okkorrenza (dok.WPC1), u cioe` li t-tobba fl-isptar kienu qalulu li wara li saru xi ezamijiet kien irrizulta li l-konvenut kien taht l-influwenza tax-xorb. Konsegwentement mhux kredibbli dak li qal fl-affidavit tieghu l-konvenut;

"Fid-dawl ta' dan kollu l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwestjoni b'mod partikolari ghar-rigward tad-danni sofferti mill-attur fl-imsemmija vettura tieghu. Ma tirrizulta ebda responsabilita` da parti tas-sewwieqa tal-istess vettura tal-attur;

"Kwantu ghall-likwidazzjoni tad-danni gie prezentat dokument, cioe` *"survey"* (dok. SBX1 – fol.34). Minn dan id-dokument, li la gie kontradett u lanqas kontestat, jirrizulta li l-vettura tal-attur bhala konsegwenza tal-habta ghandha tkun konsidrata bhala *"total loss"*. Minn dan is-"*survey*" jirrizulta ukoll li qabel l-incident din l-istess vettura kienet tal-valur ta' tlett elef u tmien mitt liri maltin (Lm3,800). Ir-"*wreck value*" tal-istess vettura gie kalkolat li jammonta ghal mitejn liri maltin (Lm200). Jirrizulta li l-vettura ghadha f'idejn l-attur u ghalhekk it-total tad-danni li l-attur sofra jammonta ghas-somma ta' tlett elef u sitt mitt liri maltin (Lm3600) (Lm3800 – Lm200 = Lm3600);"

## **<u>L-APPELL TAL-KONVENUT.</u>**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fis-27 ta' Ottubru, 2005 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fuq riportata u dana billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-

talbiet ta’ l-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur.

## L-AGGRAVJI TA’ L-APPELLANTI.

L-appellant ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u cioe`:-

a) li l-azzjoni ghal hlas ta’ danni hija preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-aggravju gie irtirat fl-udjenza tal-21 ta’ Ottubru, 2008.
b) li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti tal-kaz, li konsegwentement wassal ghall-konkluzzjoni mhux korretta, u li l-kawza prossima tal-incident ma kienx il-konvenut appellant.

L-ewwel aggravju dwar il-preskrizzjoni gie cedut fl-udjenza tal-21 ta’ Ottubru 2008.

## IKKUNSIDRAT.

Din il-kawza tikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta’ Lulju, 1996 ghal habta tal-11.45pm fil-kosta ta’ Bahar ic-Caghaq bejn il-vettura numru DAE 112 misjuqa minn Sandra Bezzina, oht l-attur u l-vettura numru L-0911 misjuqa mill-konvenut Mario Coleiro. Fil-mument ta’ l-impatt, Sandra Bezzina kienet qed issuq fid-direzzjoni ta’ San Paul il-Bahar filwaqt li l-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta. Kif jidher fl-iskizz ipreparat mill-ufficjal inkarigat mill-investigazzjoni, ma’ l-impatt iz-zewg vetturi spiccaw fuq in-naha tat-triq ta’ Sandra Bezzina b’impatt qawwi, fuq iz-zewg vetturi, fuq in-naha tal-lemin ta’ quddiem.

L-ewwel Qorti waslet biex laqghet it-talbiet attrici u sabet lill-konvenut responsabbli ghall-akkadut fuq il-bazi li dan kien qed isuq b’velocita` eccessiva, liema *speed* wassal ghalbiex jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu u qasam fuq il-karreggjata opposta tat-triq u habat mal-vettura ta’ l-attur. L-ewwel Qorti wkoll accennat ghal fatt li mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien taht l-influwenza tax-xorb billi xi nies fl-

inhawi xammew l-alkahol u t-tobba tal-isptar fejn ittiehed il-konvenut hekk qalu lill-ufficjal investigattiv wara testijiet li saru fuq id-demm tieghu. Il-Qorti ghalhekk ikkonkludiet li dak li qal l-konvenut fl-affidavit tieghu mhux kredibbli.

Fir-rikors tal-appell intavolat mill-konvenut jidher li dan qed jikkontesta l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti ghal dik li hija responsabbilita` ghall-incident billi jsostni li ma ngiebux provi sufficjenti biex jissodisfaw il-gudikant li l-attur irnexxielu jipprova l-htija fil-konvenut. Issir infatti insistenza kbira fuq nuqqas ta' provi dwar l-allegat stat ta' ubriakezza tal-istess konvenut u dan billi, skond l-appellant, kellhom jitressqu bhala xhieda dawk il-persuni li allegatament qalu lill-ufficjal inkarigat li xammew riha ta' alkohol fuq il-konvenut. Ikompli jghid li ma hemmx prova ta' dan l-istat tieghu, lanqas minn dak li jirrizulta li qalu t-tobba lis-Surgent Calleja, billi ma gewx ezebiti r-rizultati tat-testijiet tad-demm. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni billi huwa ragjonevolment accettat li dak li jinkiteb fl-okkorrenza jaghmel prova salv prova kontrarja, u dwar id-dikjarazzjoni tat-tobba ma ngiebet ebda prova kontrarja.

Din il-Qorti tosserva fir-rigward tal-kwistjoni ta' responsabbilita` ghall-incident li, konvenjentement fir-rikors ta' l-appell, il-konvenut ma jsemmi xejn dwar id-dinamika tal-incident; u fil-verita` ftit li xejn seta' jghid billi *ex admissis* huwa stqarr mal-ufficjal inkarigat li "*ma jiftakar xejn".* Meta wiehed ihares lejn kif spiccaw il-vetturi wara l-impatt jidher aktar milli ovvju li kienet il-vettura misjuqa mill-konvenut li oltrepassat il-linja medjana (*continuous white line*) li tiddistingwi l-karreggata sejra fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar minn dik sejra fid-direzzjoni opposta u cioe` lejn San Giljan u dan il-fatt fih innifsu, minghajr konsiderazzjonijiet ohra dwar li stat ta' ubrijakezza o meno tal-konvenut, huwa ndikattiv li l-incident sehh unikament tort tal-konvenut. Jekk ma' dan wiehed jikkonsidra x-xhieda tal-istess Sandra Bezzina dwar il-mod kif beda jsuq il-konvenut, il-konkluzzjoni ma tistax ma tkunx bhal dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Infatti din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-appell qatt ma kellu jigi intavolat billi hu fieragh, u f'dan is-sens sejra tipprovdi ulterjorment fil-parti

deciziva. Dwar lis-*speed* tal-konvenut jixhed l-istess impatt fil-vetturi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud fit-totalita` tieghu u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez kontra l-appellant; u in vista tal-fatt li dan l-appell huwa fieragh fis-sens tal-Artikolu 223(4) tal-Kap.12, tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------